DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 10/2013

tal-1 ta' Frar 2013

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertfikazzjoni) u l-Anness IV (l-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 392/2012 tal-1 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar dwar il-konsum tal-enerġija tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ domestiċi [1] kif ikkoreġut bil-ĠU L 124, 11.5.2012, p. 56, irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 392/2012 iħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 95/13/KE [2] li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(3) L-Annessi II u IV tal-Ftehim ŻEE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu IV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 4c (id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/13/KE) jinbidel b'dan li ġej:

"**32012 R 0392**: Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 392/2012 tal-1 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tikkettar dwar il-konsum tal-enerġija tal-magni domestiċi tat-tnixxif tal-ħwejjeġ (ĠU L 123, 9.5.2012, p. 1), kif ikkoreġut bil-ĠU L 124, 11.5.2012, p. 56."

2. Jitħassar it-test tat-Taqsima 3 tal-Appendiċi 1 u t-Taqsima 3 tal-Appendiċi 2.

Artikolu 2

L-Anness IV tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 11c (id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/13/KE) jinbidel b'dan li ġej:

"**32012 R 0392**: Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 392/2012 tal-1 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tikkettar dwar il-konsum tal-enerġija tal-magni domestiċi tat-tnixxif tal-ħwejjeġ (ĠU L 123, 9.5.2012, p. 1), kif ikkoreġut bil-ĠU L 124, 11.5.2012, p. 56 [1].

[1] Elenkat hawn għall-finijiet ta' tagħrif biss; għall-applikazzjoni ara l-Anness II dwar ir-Regolamenti tekniċi, l-istandards, l-ittestjar u ċertifikazzjoni."

2. Jitħassar it-test tat-Taqsima 3 tal-Appendiċi 5 u t-Taqsima 3 tal-Appendiċi 6.

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 392/2012, hekk kif ikkoreġuti mill-ĠU L 124, 11.5.2012, p. 56, bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2013 dment li jkunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 217/2012 tas-7 ta' Diċembru 2012 [3], skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2013.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

[1] ĠU L 123, 9.5.2012, p. 1.
[2] ĠU L 136, 21.6.1995, p. 28.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.
[3] ĠU L 81, 21.3.2013, p. 17.